**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA, 19 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 483/01 AE**

**KD Commercials Ltd**

**Vs**

**Tony Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannt ihallasha s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250), bilanc ta' prezz ghall-bejgh u konsenja ta' magna.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha ddikjara li l-hlas m'huwiex dovut peress li l-magna mibjugha kellha difetti kbar tant illi huma nefqu flejjes kbar.

Semgha l-provi u t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz dovut ghall-bejgh u konsenja ta' magna Leyland. Skond skrittura li giet iffirmata mill-partijiet fl-24 ta' Novembru 2000 inghad:

   *"To Tony Buttigieg, one second-hand Leyland 420 Engine pluz ZF gearbox for the sum of nine hundred and fifty Malta Liri and Leyland gearbox. Paid on collection the sum of seven hundred Malta Liri which leaves balance of two hundred and fifty Malta Liri. Engine plus gearbox is to be all in good running order and free from major faults. Balance of Lm250 is to be paid by 29.11.2000"*.

2. Irrizulta mill-provi li meta l-konvenut mar ghand is-socjeta attrici, huwa kien akkumpanjat mill-mekkanik Lawrence Mamo li kien inkarigat minnu sabiex jaghtih parir u jqieghdlu l-magna fuq ix-xarabank. Dan ix-xhud ikkonferma li: *"kemm fil-presenza tieghi kif ukoll fil-presenza tal-konvenut, Anthony Borg kien startja l-magna in kwistjoni u* ***deher li kollox sew kien****.* ***Jien nghid li bil-mod li***

***kienet qieghda tahdem dehret li kienet magna tajba**”* (seduta tat-28 ta’ Settembru 2001).

3. Il-magna in kwistjoni hija *second-hand* u giet importata mill-Ingilterra. Il-konvenut jikkonferma li huwa kien jaf b’dawn il-fatti fiz-zmien meta xtara l-magna.

4. Wara li l-magna tqieghdet kellu jerga’ jsir xoghol fuqha sabiex jinbidel gasket. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici kien obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tat-tiswija. Il-konvenut iddikjara li xtara gasket ghall-prezz ta’ tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm28). Il-mekkanik li ghamel ix-xoghol, u li kien l-istess wiehed li akkumpanja lill-konvenut meta nxtrat il-magna, ikkonferma li l-hlas ghal dan ix-xoghol kellu jsir mis-socjeta attrici u mhux mill-konvenut.

5. Mill-provi rrizulta wkoll li fiz-zmien ta’ l-akkwist il-magna kellha fan imkisser. Skond il-verzjoni li ta r-rapprezentant tas-socjeta attrici *“niftakar ukoll illi dik in-nhar li sar in-negozju kont ftehimt ma’ Lawrence Magri illi jiehu hsieb ibiddel il-fan tal-magna peress li waqt li konna qeghdin ninnegozjaw, bi zball jiena kissirt paletta mill-fan li kellha l-magna. Ghidtlu mbaghad niehu hsieb jien mieghu”*. Jidher ghalhekk minn dawn il-kliem li l-fan kien inkluz fil-bejgh. Mill-provi pero’ jidher li l-fan spicca ghamel tajjeb ghalih il-konvenut u hallas is-somma ta’ erbghin lira Maltija (Lm40). Min-naha tieghu x-xhud Lawrence Mamo kkonferma li: *“Il-fan Anthony Borg tahuli issa”*.

6. Xehed ukoll Godfrey Mifsud li ghamel xi xogholijiet fuq ix-xarabank. Dan ix-xhud ikkonferma li: *"xi hamsa sa sitt xhur ilu jiena ghamilt xoghol fuq truck tal-linja tal-konvenut. Ix-xoghol kien ivarja. Kien hemm xoghol li ghamilt fuq il-magna tat-truck. Dan kien jikkonsisti fil-bdil ta' turbo fil-magna. Kont ukoll irrangajt il-mod kif kienet imqieghda l-magna fit-truck"* (seduta tat-28 ta' Settembru 2001). Ix-xhud iddikjara li t-turbo li kellha din il-magna kien zghir ghad-daqs tal-magna u kien ghalhekk li biddlu. Skond hu *"it-turbo li fiha llum mhuwiex l-originali tal-Leyland; pero' huwa turbo vicin il-Leyland……* ***Ghandi nghid illi t-turbo illi kellha l-magna li xtara l-konvenut minghand is-socjeta attrici kien zghir. Ghalhekk ma kienx adattat ghal dik il-magna****"*. Skond ix-xhieda moghtija mill-konvenut huwa lanqas biss jaf li l-mekkanik inkarigat minnu kien bidillu t-turbo.

7. Irrizulta li t-turbo hija parti mill-magna li hija vizibbli ghall-ghajn. Il-konvenut iddikjara li huwa ma jifhimx fil-magni u kien proprju ghalhekk li ha mekkanik mieghu meta mar jara l-magna. It-Tribunal jifhem li mekkanik ta' l-affari tieghu kellu jinduna jekk it-turbo kienx adattat ghal dik it-tip ta' magna jew le. Jidher li sabiex isir dan l-ezercizzju ma kienx hemm bzonn li tinfetah il-magna u li kollox kien apparenti ghall-ghajn. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma jistax iressaq 'il quddiem dan l-ilment. Il-konvenut jinsisti li l-magna in kwistjoni tahraq hafna zejt. Pero' fil-kors tal-proceduri ma tressqux provi li l-magna hija difettuza. Lanqas ma tressqu provi in sostenn ta' l-allegazzjoni tal-konvenut li fuq il-magna in kwistjoni ghamel hafna spejjez.

8. It-Tribunal josserva wkoll li lanqas ma rrizulta li minn meta nxtrat il-vettura (igifieri Novembru 2000) sal-lum il-konvenut ha xi passi fil-konfront tas-socjeta attrici fir-rigward ta' l-allegati difetti jew inkorra xi spejjez sabiex jirranga dan l-allegat difett.

9. Sahansitra fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2001 il-konvenut xehed: *"**Naf li lil Borg ghandi nhallsu pero' ma ghandix inhallsu l-ammont kollu li qed jippretendi, jigifieri mitejn u hamsin lira**. Ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez li jiena ghamilt sabiex jiena xtrajt il-gasket kif ukoll sabiex jiena xtrajt il-fan".*

10. Dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal kwistjoni ta' dritt jekk l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut tistax tigi sollevata meta jkun ghadda t-terminu stabbilit mill-ligi ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni redibitorja jew estimatorja. Kif gie osservat il-magna nxtrat f'Novembru 2000 u l-konvenut ma agixxiex b'wahda mill-azzjonijiet imsemmija kif kellu kull drittt li jaghmel ghalkemm ighid li mill-ewwel kien osserva li l-magna ddahhan. Fis-sentenza **Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione nominee** (Vol. XXXVIII.ii.723) intqal: *"Meta d-dritt ghall-proposizzjoni tar-redibitiorja jew ta' l-estimatorja permezz ta' azzjoni jkun spicca bid-dekors taz-zmien, **la r-redibitorja u lanqas il-quanti minoris ma tkun tista' tigi mill-kompratur opposta in via d'eccezione**, ghaliex in-nota massima temporalia ad agendum perpetua ad excipendum mhux applikabbli in tema ta' dekadenza"* (ara wkoll sentenza

fl-ismijiet **Alfred Grech vs Michael Abela** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Marzu 1999)

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltija (Lm182) wara li tnaqset is-somma ta' tmienja u sittin lira Maltija (Lm68) ghax-xiri tal-gasket u l-fan mill-konvenut, bl-imghax mid-29 ta' Novembru 2000 igifieri d-data meta kellu jithallas il-bilanc.

L-ispejjez (skond dak li jistipula l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) in kwantu ghal tlett kwarti ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut u kwart is-socjeta attrici.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**